

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – ACTC vs EUIPO – Taiga (tigha)**(Kawża T-94/17) <sup>(1)</sup>

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali Ewropea tighha — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea TAIGA — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebħ tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament Nru 2017/1001] — Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti")*

(2018/C 392/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: ACTC GmbH (Erkrath, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. Hoene, D. Eickemeier u S. Gantenbrink, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Kusturovic, D. Walicka u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Taiga AB (Varberg, l-Isvezja) (rappreżentanti: C. Eckhartt u K. Thanbichler-Brandl, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Rabba Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Diċembru 2016 (każ R 693/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Taiga u ACTC.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ACTC GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 112, 10.4.2017

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Apple vs EUIPO – Apo International (apo)**(Kawża T-104/17) <sup>(1)</sup>

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea apo — Trade marks figurattivi preċedenti tal-Unjoni Ewropea li jirrapreżentaw tuffieħa u trade marks verbali preċedenti APPLE — Raġunijiet relativa għal rifjut — Xebħ tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")*

(2018/C 392/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Apple Inc. (Cupertino, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. Olsen, P. Andreottola, solicitors u G. Tritton, barrister)